**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 48 – 16 ta' April 2015**

***Minuti tal-48 laqgħa tal-Kunsill tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis, 16 ta' April, 2015.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 48. Il-laqgha bdiet fis-6:45 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Alfred Grixti** | Sindku |
| | **Joseph Fsadni** | Kunsillier |
| | **Cain Grech** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Catherine Sammut** | Kunsillier |
| | **Duncan Bartolo** | Kunsillier |
| **Skużati:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Thomas Agius** | Vici-Sindku |
| **Assenti:** | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| **Pubbliku:** | **Robert S. Tabone** | Works Co-Ordinator |
| | **Dr. Massimo Ellul** | Konsulent |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

F'din il-laqgha gew mressqa l-minuti tal-laqgha numru 47 ghall-approvazzjoni. Dawn il-minuti ttiehdu bhala moqrija. Il-Kunsillier Duncan Bartolo ppropona li dawn il-minuti jigu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joseph Fsadni.

**Dawk Favur;** is-Sindku Alfred Grixti, l-Kunsilliera George Cortis, Catherine Sammut , Joseph Fsadni, Cain Grech, Duncan Bartolo

**Astensjonijiet;** Hadd.

Il-mozzjoni giet approvata (193).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku Alfred Grixti qal bhal ma gara fis-snin ta' qabel, l-Ghaqda tal-Gimgha l-Kbira nghatat l-assistenza kollha li ntalbet mill-Kunsill Lokali.

2.2 Is-Sindku Alfred Grixti tkellem fuq iz-zona tal-Grazzja. Huwa qal li wara xhur twal b'diversi kuntatti li saru mat-TM, sa fl-ahhar TM baghtu l-kuntratti sabiex issir Triq Anthony Aquilina. Il-Kunsill sostna li Triq Patri Pelagju Mifsud tkun ukoll nkluza fil-lista ta' xogholijiet. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar li l-Kunsill kien innegozja b'success ammont ta Eur131,000 mill-Gvern Centrali u li dawn kienu esklussivament allokati ghaz-zona tal-Grazzja. Huwa qal ukoll li kellu tahtidiet mas-Sur Michael Cohen mill-Ministeru responsabbli sabiex dan l-ammont jibqa ghad-dispozizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug u ghaldaqstant jintuzaw mill-istess Kunsill. Ghalhekk gew iffirmati zewg kuntratti, wiehed ghal kull triq. Skont l-istimi li saru, minn dan l-ammont ta' Eur131,000, jibqa bilanc ta' Eur50,000 li jistghu jigu uzati ghal triq ohra zghira f'dik iz-zona. Is-Sindku sostna li f'kull laqgha mat-TM dejjem essiga li t-toroq f'din iz-zona li ghandhom bzonn intervent immedjat mit-TM huwa ferm akbar minn dawn iz-2 toroq u ghandu jigu nkluzi fix-xogholijiet tat-TM.

2.3 Is-Sindku Alfred Grixti qal li fil-gimgha precedenti huwa gie mistieden sabiex issir il-prezentazzjoni dwar l-attivitajiet kulturali mill-Ministru responsabbli. L-ammont li ser jinghata ser jigi kkomunikat aktar tard mid-Dipartiment.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1 Kunsillier Cain Grech saqsa dwar l-ammont li kien nkluz fil-vot tal-flus pagabbli lill-Pointer Pet Shop. Is-Segretarju qal li inkluz f'dan il-kont, hemm l-ghalf ta' l-ghasafar kif ukoll xi pots tal-qsari.

Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li fil-vot tal-flus hemm inkluz pagament dwar xi xoghol li sar fuq ir-rawndebawt fejn jarma l-Monti. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi thaffir ta' gandott sabiex ikun jista jghaddi d-dawl sabiex jinxteghlu l-fanali l-godda. Dan ix-xoghol kellu jsir minhabba li l-wires li kien hemm taht l-art kienu kollha mahruqin u ghaldaqstant kellhom jinbidlu. Li kieku l-kunsill kellu

juza kuntratturi privati, l-ispiza kienet tammonta ghal madwar Eur7,000. Bil-mizuri li ttiehdu l-ispiza telghet ghal madwar Eur1,000.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li jhossu obbligat li jaghti nformazzjoni dwar x'ghandu jsir fi zmien ftit gimghat f'kaz li ma jkunx elett Sindku fl-elezzjoni li ghadha kif ghaddiet. Huwa fakkar lis-Segretarju li jrid isir iz-zbir tas-sigar tal-pjazza qabel il-festa ta' San Filep. Is-Sindku fakkar ukoll li ghad irid isir passagg zghir ezatt quddiem il-Kazin tal-P.N. bi 3 bollards li huma l-istess bhal dawk li gew imwehhal quddiem iz-zuntier. Dan sabiex ikun hemm access ghaz-zuntier minn min ghandu dizabilita.

Is-Sindku Alfred Grixti spjega wkoll li kienet saret talba mill-Kunsill Lokali li giet milqugha mit-TM, sabiex isir reserved parking fil-vicinanzi tal-iskola sabiex familja li tixtieq twassal lit-tifla taghha li ghandha dizabilita, kuljum l-iskola ma ssibx diffikulta ta' kull filghodu.

Is-Sindku Alfred Grixti ippropona li l-vot jghaddi kif prezentat jigifieri Eur41,185.60 li minnu hu eskluz l-ammont pagabbli lil Kummissarju tat-Taxxi ghas-salarji ta' Frar 2015. Il-Kunsillier Cain Grech issekonda il-mozzjoni.

Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li qieghda tastjeni minn punti 2,3,13,14,16,17,31,32,33 u 30. Ghall-kumplament tal-pagamenti, il-Kunsilliera Catherine Sammut ivvotat favur.

**Dawk Favur ghall-vot kif prezentat;** is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera George Cortis, Joseph Fsadni, Cain Grech u Duncan Bartolo.

**Dawk Kontra ik-vot kif prezentat;** Hadd

Il-vot gie approvat (194).

3. AGGORNAMENT

Is-Sindku Alfred Grixti qal li din hija laqgha minn ta' l-ahhar ghal din il-legislatura. Huwa xtaq jirringrazzja lill-kunsilliera kollha, u lil kull min ta l-input tieghu u li qieghed l-interess ta' Haz-Zebbug u mhux lill-arma tal-Partit tieghu qabel kollox. Ir-rahal jista' jmur 'il quddiem biss jekk kulhadd jigbed il-habel fl-istess direzzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jixtieq jirringrazzja lill-ex Segretarju Ezekuttiv Christopher Formosa u lis-Segretarju Ezekuttiv prezenti Paula M. Valletta li dahlet skont ir-regoli stabiliti mill-Ministeru u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, lil Robert Tabone u l-predecessur tieghu Philip Gatt, lill-kuntratturi kollha, lill-iskrivani kollha u lill-haddiema kollha tal-ETC li jahdmu mal-Kunsill.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-grupp tal-Kunsilliera kollha qeghdin madwar il-mejda ghax il-poplu xtaq li jkunu hemm. Huwa jinsab seren hafna u lest li joqghod fejn iridu l-poplu. Huwa qal ukoll li jekk wara li jsir l-ghadd tal-voti, huwa ma jkunx qieghed fuq is-siggu ta' Sindku, dana xorta lest li jaghti sehmu. Is-Sindku jhares lejn din l-ahhar legislatura bhala wahda ta'

success. Saru tletin triq li tlestew sa nofs is-sena 2013, fosthom Vjal il-Helsien. L-assi tal-Kunsill kibru minn Eur 1 Miljun ghal Eur 3 Miljuni. Is-Sindku kompla billi qal li ghandu l-pjacir jghid li gab l-urna ta' San Filep, irranga l-librerija, tejjeb relazzjonijiet mal-ghaqdiet kif ukoll diversi successi ohrajn.

Sa din id-data, ir-rizultat ghadu hadd ma jaf x'ser ikun. Huwa qal li bhala Sindku Haz-Zebbug, kien kontinwament f'mira t'attakki personali. Numru ta' kummenti fuq il-facebook page ta' Haz-Zebbug Residents qeghdin isiru kontinwament, uhud minnhom mibnija fuq il-fantasiji u huma malafamanti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li lest li jiehu il-passi kollha li taghtih il-ligi sabiex jissalvagwardja l-integrita u l-isem tieghu. Anke jekk hu ma jergax jilhaq Sindku, ser jiehu il-pariri legali relatati mal-imsemmija malafamazzjoni.

Sadanittant huwa awgura lill-kandidati kollha.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li qabel ma tispicca din il-legislatura, jehtieg li ssir laqgha l-ohra sabiex jigu approvati l-aggustamenti ghal financial statements ghas-sena 2014.

| | |
|---|---|
| **Alfred Grixti,** | **Paula M. Valletta,** |
| **Sindku.** | **Segretarju Ezekuttiv.** |